# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI

**MAGISTRAT Dr Antonio Micallef Trigona LL.D. Mag. Jur. (EU Law)**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 28 ta' Frar 2002**

Citazzjoni numru 110/01G1

John u Josephine konjugi Apap bhala mandatarji lokali ta' binhom msiefer Victor Apap

-vs-

Id-Direttur Registru Pubbliku

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-atturi fl-24 ta' Dicembru 2001 fejn wara li ppremettew illi l-Att ta' Twelid numru hames mija u tmienja u hamsin (558) ta' l-elf disa' mija u erbgha u erbghin (1944) datat hamsa u ghoxrin (25) ta' Gunju ta' dik is-sena u relattiv ghat-twelid ta' l-attur Victor Apap huwa skorrett u dan ghaliex fil-parti relattiva ghal "Taghrif dwar l-omm" fil-kolonna intestata "Isem jew Kunjom" l-isem "Giusa" huwa skorrett billi dan kellu jkun "Josephine" (Dok A);

U illi omm l-attur minn dejjem tissejjah u kienet maghrufa ma' kulhadd bl-isem ta' "Josephine" kif jista' jigi dettaljatament ippruvat;

Illi ghal dan il-ghan l-esponenti qieghed jannetti kopja tal-karta ta' l-identita' ta' omm l-istess attur li fiha isimha huwa ndikat bhala "Josephine" (Dok A);

Illil-attur ghandu nteress li dan l-att jigi ikkoregut fit-termini ta' l-Artikolu 253(2) u (3) tal-Kodici Civili.

Talbu li din l-Onorabbli Qorti:

1. tiddikjara li omm l-attur minn dejjem kienet imsejha u maghrufa bl-isem ta' "Josephine";

2. konsegwentement a tenur tad-disposizzjonijiet fuq imsemmija, tordna l-korrezzjoi ta' l-att ta' twelid numru hames mija u tmienja u hamsin (558) ta' l-elf disa' mija u erbgha u erbghin (1944) billi fil-parti relattiv ghal "Tafghrif dwar l-omm" fil-kolonna intestata "isem jewKunjom" l-isem "Giusa" hemm muri jinbidel bl-isem "Josephine".

Bl-ispejjez.

Il-konvenut imharrek ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa qieghed jigi ingunt.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-atturi, liema dikjarazzjoni hija debitament konfermata bil-gurament mill-istess John Apap.

Rat ukoll ic-certifikati annessi

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku fejn eccepixxa:

1. illi huwa m'huiex edott mill-fatti u galdaqstant jirrimetti ruhu ghall-provi migjuba. Salv li jkunu l-ahjar u ammissibbli skond il-ligi;

2. illi huwa m'ghandux ibati spejjez.

3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debitament guramentata mill-Avukat Marlin Vella bhala Agent Direttur tar-Registru Pubbliku.

Semghet lil Dr Michael Grech ghall-attur jiddikjara bil-gurament tieghu illi omm l-attur minn dejjem keient imsejha u maghrufa bl-isem "Josephine" u mhux :Giusa" kif erronjament indikat fic-certifikat tat-twelid, li tieghu qed jitlob il-korrezzjoni..

Rat l-atti tal-kawza.

Il-Qorti ghalhekk u peress illi jidhrilha li t-talbiet attrici huma gustifikati, tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talbiet ta' l-atturi u tordna l-korrezzjoni ta' l-Att ta' Twelid numru hames mija u tmienja u hamsin (558) ta' l-elf

disa’ mija u erbgha u  erbghin (1944)  billi fil-parti relattiva ghal “Taghrif dwar l-omm” fil-kolonna intestata “Isem jew Kunjom” l-isem “Giusa” hemm muri jinbidel bl-isem “Josephine”.

In vista tan-natura  ta’ din il-kawza m’ghandux ikun hemm spejjez.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur